MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2011

Avviz Numru. 220/2009

**Mark Schembri & Associates Limited (C 9425)**

**vs**

**Frederick Bonello**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors fuq indikat datat il-15 ta’ Gunju, 2009, li permezz tieghu s-socjeta’ rikorrenti sejhet lill-intimat fuq indikat quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m’ghandux ikun ikkundannat:

1. Illi l-intimat jirrifondi lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tmint elef, hames mija u wiehed u erbghin euro u seba’ centezmi, (Euro 8,541.07c), rapprezentanti pagament eccessiv lilu effettwat fil-hlas ta’ l-ezekuzzjoni tal-kuntratt

tat-twahhil tal-“vinyl” mal-hajt tal-kmamar tal-banju, fl-Isptar Mater Dei, Birkirkara by-pass, Birkirkara;

2. Bl-ispejjez, komprizi dawk ta’ l-ittra nterpellatorja tal-5 ta’ Gunju 2009 u tal-mandat ta’ sekwestru prezentat kontestwalment, u bl-imghaxijiet legali mill-prezentata ta’ dan ir-rikors;

3. Illi l-intimat hu ngunt personalment ghas-subizzjoni;

Rat ir-risposta tal-intimat Frederick Bonello datata t-3 ta’ Settembru, 2009, li permezz taghha ssottometta s-segwenti:

i. Illi preliminarjament it-talbiet attrici huma preskritti ai termini tal-artikolu 1027 tal-Kodici Civili;

ii. Illi minghajr pregudizzju tas-suespost u, fil-mertu, it-talbiet tas-socjeta’ rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta’ rikorrenti stante li l-esponenti ma rceva xejn aktar minn dak li kien, skond it-termini tal-ftehim li sar bejn il-kontendenti rigwardanti l-ezekuzzjoni ta’ twahhil ta’ “vinyl” mal-hajt tal-kmamar tal-banju fl-Isptar Mater Dei, dovut;

iii. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi;

Rat in-nota responsiva tas-socjeta’ rikorrenti;

Ikkunsidrat:

Illi peress li din il-kawza qed titmexxa mill-partijiet flimkien mal-kawza fl-ismijiet Mark Schembri & Associates Limited vs Wayne Martin Zahra, (Rikors Numru 221/09), deciza in parte illum stess, a skans ta’ ripetizzjoni inutili, taghmel taghha l-konkluzjonijiet kollha li wasslet ghalihom fl-imsemmija kawza u konsegwentement:

1. Tirrespingi l-ewwel risposta ta' natura preliminari tal-intimat Frederick Bonello;

2. Bl-ispejjez kontra l-istess intimat, indikat fil-paragrafu precedenti;

3. Tordna l-prosegwiment tal-kawza biex jigi issa determinat il-mertu tal-istess skont il-ligi.

Marisa Borg
Dep./Reg

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------